MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 1596/2010

**Valletta Freight Services Shipping Limited**
**C-20446**

**vs**

**Ventur Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas tas-somma ta’ €566.40c, bilanc mhux imhallas ta’ *demurrage charges* fuq container li wasal Malta fuq il-vapur George Washington Bridge fil-11 ta’ Frar 2010.

Bl-ispejjez legali inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Awissu 2010 u bl-imghaxijiet legali mid-data tax-xogholijiet sad-data tal-pagament.

Ra l-kapitolu ghas-subizzjoni li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li ddikjara bil-gurament tieghu li l-ammont mitlub f'din il-kawza m'huwiex dovut.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, u dana ghas-segwenti ragunijiet: (1) Fl-ewwel lok, il-ftehim ta' bejn il-partijiet kien fis-sens illi s-socjeta' konvenuta ma kinitx ser thallas ghal *demurrage*, kif kien wara kollox il-ftehim milhuq bejn il-partijiet. Illi wara kollox kien ghalhekk u ghalhekk biss illi s-socjeta' konvenuta kienet accettat illi tikkunsidra u fil-fatt tibda tuza s-servizz pprovdut mis-socjeta' attrici; (2) Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta diga' ghaddiet hlas *in full and final settlement of account,* liema hlas gie accettat mis-socjeta' attrici minghajr ebda riserva. Tant hu hekk illi kien biss wara illi s-socjeta' konvenuta ddecidiet illi ma tibqax tuza s-servizz pprovdut mis-socjeta' attrici illi din ta' l-ahhar infurmata illi kienet ser tibghatilha kont ghal *demurrage*; (3) fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba promossa mis-socjeta' attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dana kollu kif sejjer jigi dettaljatament ippruvat fil-mori ta' dina l-procedura. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici illi qieghda tigi ngunta in subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici xehed illi r-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet tmur lura diversi snin, u cioe' madwar hmistax (15)-il sena. Illi minn madwar tliet-(3)

snin ‘l hawn kien hemm tibdil fil-pajjiz minn fejn is-socjeta’ konvenuta kienet qedha timporta l-mrkanzija, u cioe’ vetturi, ghaliex inizzjalment kienet iggib vetturi mill-Ingilterra u imbaghad bdiet iggib vetturi mill-Gappun. Illi minkejja tali kambjament, is-socjeta’ attrici baqghet tippresta s-servizzi taghha lis-socjeta’ konvenuta. Illi fi Frar 2010 s-socjeta’ attrici bghatet avviz lis-socjeta’ konvenuta sabiex tinformaha illi l-merkanzija li kienet qed tistenna kienet waslet Malta, u li ghalhekk kellha tiehu hsieb tibghat il-burdnar sabiex ihott din il-merkanzija. Illi tali merkanzija waslet fil-11 ta’ Frar 2010; madanakollu, il-merkanzija giet rilaxxjata u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta fit-23 ta’ Frar 2010, u ghalhekk kien hemm dovuti *demurrage fees*, ghaliex kienu skorrew is-sebat-(7) ijiem, minn meta waslet il-merkanzija, li fihom ma jkunx dovut dan ic-*charge*. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici jghid ukoll illi tant kien hemm relazzjoni kummercjali tajba bejn il-kontendenti illi mhux l-ewwel darba li giet ikkonsenjata merkanzija lis-socjeta’ konvenuta minghajr ma din tal-ahhar ikollha fil-pussess taghha il-*bill of lading* jew *document of title* relattiva ghall-merkanzija in kwistjoni, li jista’ jkun li tasal wara l-merkanzija, u li mbaghad is-socjeta’ konvenuta tghaddiha lis-socjeta’ attrici meta jircievu dan l-istess dokument.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici jsostni illi l-ammont reklamat f’din il-kawza jirraprezenta d-*demurrage fees* li s-socjeta’ attrici hallset lil Sullivan Shipping Agencies Limited, u dan skond ir-rati rizultanti minn Dok.VV6 (a fol.22), liema ammont kien dovut in konnessjoni mal-merkanzija proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, James Grima, xehed li s-socjeta’ konvenuta kienet ilha tuza s-servizzi tas-socjeta’ attrici ghal bosta snin, u dan meta kienet timporta l-merkanzija mill-Ingilterra; izda ftit taz-zmien ilu, u meta bdiet timporta l-vetturi mil-Gappun, bdiet tuza s-servizzi ta’ agenziji ohra. Illi kien avvicinahom ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici sabiex jinformahom illi kienu jistghu joffru s-servizz ta’ *freight forwarding* anke mill-Lvant Mbieghed, u wara li kien bghatilhom ir-rati, is-socjeta’ konvenuta accettat illi terga’ tibda tuza s-servizzi

tas-socjeta’ attrici. Illi fil-frattemp, huh, u cioe’ John Grima, flimkien ma’ ibnu Keith Grima, kienu rregistraw socjeta’ ohra, Ventur Auto Imports Co. Ltd., u ghaliex din tal-ahhar kienet ukoll ser tibda tuza s-servizzi tas-socjeta’ konvenuta ghall-htigijiet taghha ta’ *freight services*, kien intlahaq ftehim mas-socjeta’ attrici illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandhix tbaghti *demurrage fees*. Illi in kontro-ezami, dan l-istess xhud iddikjara li ghalkemm huh John Grima kien izommu informat dwar dak li kien ghaddej in konnessjoni ma’ importazzjoni ta’ vetturi, madanakollu, kien aktar involut fil-gestjoni ta’ dik il-parti tan-negozju li tittratta mal-VRT station, bejgh ta’ vetturi u xi *servicing* tal-istess.

Illi r-rapprezentant l-iehor tas-socjeta’ konvenuta, u cioe’ John Grima, xehed ukoll illi intlahaq ftehim mas-socjeta’ attrici illi m’ghandhomx ibaghtu *demurrage fees*, u ghalkemm in kontro-ezami stqarr illi tali ftehim ma jirrizultax bil-miktub, jkompli jghid illi tul iz-zmien kollu li kienu qed juzaw is-servizzi tas-socjeta’ attrici, qatt ma kien hemm *demurrage charges*. Jghid ukoll illi l-hlas li kien isir mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici ghal kull konsenja li kienet issir, kienet tkun ghas-saldu, u ghalhekk meta rcivew il-kont ghal din il-konsenja partikolari, u cioe’ l-ammont rizultanti mill-fattura li giet immarkata bhala Dok.VV2 (a fol.18), din kienet tikkomprendi l-ispejjez kollha li kienu dovuti minnha lis-socjeta’ attrici. Illi dan kellu japplika b’mod partikolari ghal din il-konsenja partikolari, ghaliex din kienet ser tkun l-ahhar darba li kienu ser juzaw is-servizzi tas-socjeta’ attrici, peress illi imbaghad kienu ser juzaw sistema gdida ta’ trasportazzjoni bir-*roll-on roll-off,* minflok bis-sistema tal-containers.

Illi x-xhud l-iehor, Keith Grima, ddikjara wkoll illi kien hemm ftehim mas-socjeta’ attrici f’dak li jirrigwarda d-*demurrage fees* illi talvolta li dawn ikunu dovuti, ser jigu saldati mis-socjeta’ attrici, u dan bhala incentiv sabiex is-socjeta’ attrici, u dik li huwa involut fiha hu – Ventur Auto Imports Co. Ltd. – jibdew juzaw mill-gdid is-servizzi tas-socjeta’ attrici. Illi l-partijiet kontendenti waslu ghal ftehim dwar ir-rati li kellhom jigu applikati in bazi ta’ e-mail datata

10 ta’ Gunju 2008. Ikkonferma wkoll, bhal m’ghamel John Grima, illi huma dejjem gabru l-merkanzija entro sebat-(7) ijiem minn meta din tkun waslet Malta, u li ghalhekk ebda *demurrage fee* ma kienet dovuta qabel din l-okazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta’ attrici qed titlob hlas ghal *demurrage fees* illi allegatament thallsu lis-socjeta’ Sullivan Shipping Agencies Limited, u dan in bazi tar-rati rizultanti mill-fattura mmarkata bhala Dok.VV6. Illi s-socjeta’ konvenuta mhux qed tikkontesta illi l-merkanzija waslet Malta fil-11 ta’ Frar 2010 u li din ingabret minnha fit-23 ta’ Frar 2010. Illi jsegwi ghalhekk illi s-sebat-(7) ijiem li huma hielsa mill-hlas ta’ *demurrage fees* kienu skadew. Illi ma gie attribwit ebda nuqqas lis-socjeta’ attrici bhala raguni ghalfejn din il-merkanzija damet sabiex ingabret; anzi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, John Grima, xehed illi l-problema fid-dewmien tal-konsenja rrizultat minhabba xi tibdil fis-sistema da parti tad-Dwana, minhabba nuqqas ta’ spazju f’xi *sheds* fejn tinhazen il-merkanzija, bil-konsegwenza illi l-process sabiex jitnizzlu l-containers minn fuq il-vapur kien itwal mis-soltu.

Illi l-kontestazzjoni tas-socjeta’ konvenuta, rizultanti mir-risposta taghha, ma tittrattax dwar il-*quantum* tat-talba, izda li kien hemm ftehim bejn il-partijiet illi ebda *demurrage* m’ghandu jkun dovut mis-socjeta’ konvenuta, u li l-hlas li sar mis-socjeta’ konvenuta relattiv ghall-ahhar konsenja li saret tramite tas-servizzi li pprovdiet is-socjeta’ attrici, kien ghas-saldu ta’ kwalunkwe ammont li kien dovut lilha.

Illi f’dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni, ma rrizultax mill-provi mressqa mill-partijiet illi ntlahaq xi ftehim specifiku illi s-socjeta’ konvenuta kienet qedha tigi ezentata mill-hlas ta’ *demurrage*, talvolta li dan ikun dovut. Illi ghalkemm ir-rati li l-partijiet qablu li kienu ser japplikaw inghataw mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta bil-miktub, ma saret ebda referenza f’din l-istess korrispondenza ghall-allegat ftehim dwar id-*demurrage*. Illi fin-nuqqas ta’ ftehim specifiku in rigward, u minkejja l-asserzjoni tat-tliet-(3)

xhieda li ddeponew ghan-nom tas-socjeta' konvenuta illi kien hemm ftehim verbali dwar dan l-aspett, dan it-Tribunal mhux konvint illi realment kien hemm xi diskors u ftehim dwar dan is-suggett, u cioe' illi s-socjeta' konvenuta kellha tinheles mill-obbligu tal-hlas kemm-il darba xi ammont ta' *demurrage* ikun dovut. Illi fl-assenza ta' ftehim specifiku in rigward, it-Tribunal ma jistax japplika id-diskrezzjoni tieghu dwar minn min allura ghandu jithallas.

Illi dan tenut kont ukoll tal-fatt illi din kienet l-ewwel okkazjoni meta tali spiza addizzjonali saret dovuta, ghaliex solitament, is-socjeta' konvenuta tigbor il-merkanzija qabel ma jiskadi z-zmien li fih ma jkun dovut ebda *demurrage fee*, u cioe' entro sebat-(7) ijiem minn meta l-merkanzija tkun waslet Malta. Illi kif gie dikjarat mir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta, huma dejjem aggixxew tempestivament hekk kif jigu nformati li l-merkanzija waslet Malta, sabiex jigbru l-merkanzija kemm jista' jkun malajr, sabiex huma jkunu jistghu jpogguha ghall-bejgh, u jergghu jigbru flushom. Illi ghalhekk dan it-Tribunal lanqas ghandu xi episodju precedenti li jista' juza bhala linja gwida jew konferma ta' dak li setghu ftehmu l-partijiet dwar dan l-aspett; illi ghalhekk, u fin-nuqqas ta' prova dwar dan l-allegat ftehim bejn il-partijiet illi s-socjeta' attrici ghandha tbaghti d-*demurrage fees*, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jirrespingi din l-eccezzjoni.

Illi s-socjeta' konvenuta tikkontendi wkoll illi kull meta wettqet hlas lis-socjeta' attrici, dan il-hlas dejjem kien ghas-saldu, u mhux *on account*, tal-ammont li kien dovut minnha lis-socjeta' attrici. Illi ghalhekk meta s-socjeta' konvenuta rceviet il-fattura minghand is-socjeta' attrici relattiva ghal din il-merkanzija, u dik wettqet il-hlas, liema hlas gie accettat mis-socjeta' attrici, dan sar ghas-saldu ta' dik il-pendenza. Li ghalhekk is-socjeta' attrici ma setghetx, imbaghad titlob hlas ulterjuri ta' spejjez addizzjonali. Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma din it-tezi tas-socjeta' konvenuta, ghaliex ic-cirkostanzi relattivi ghal din il-konsenja partikolari kienu differenti minn dawk soliti, u ladarba ma rrizultax b'mod inekwivoku illi l-hlas kien qed jigi mwettaq ghas-saldu – liema dikjarazzjoni trid tirrizulta b'mod inekwivoku minn kliem specifikament imnizzel f'dan

is-sens – allura t-Tribunal ma jistax jasal, minn rajh, ghal tali konkluzjoni. Illi kif gie ritenut fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **St George's Park Company Limited vs Eric Pace Bonello noe (966/97)**, deciza fil-15 ta' Marzu 2002; "...*in tema legali u fejn ic-cirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qieghed isehh, meta d-debitur offerenti jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli* (sottolinear tal-esponenti) *li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaqbad minflok u jaccettah b'kondizzjonijiet u b'rizervi li intrinsikament u necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu...".*

Illi applikat dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, u ladarba s-socjeta' konvenuta ma ppruvatx illi l-hlas li wettqet lis-socjeta' attrici kien qed isir b'mod univoku u indubitabbli ghas-saldu tal-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici, allura tali asserzzjoni ma treggix. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija sitta u sittin Euro u erbghin centezmu (€566.40c), bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------